**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**MAGISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kump. Numru: 466/2018 RM**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Shawn Pawney)**

**-Vs-**

**CHARLOT CALLEJA**

**Illum, 27 ta' Mejju 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **CHARLOT CALLEJA** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 192782M li tressaq quddiemha akkuzat talli fl-ghaxra ta' Mejju 2018, ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija jew xi hinijiet ohra, gewwa il-fabbrika SIGNIT Holdings, KW09B Zona Industrjali, f'Rahal Gdid u fl-inhawi cirkostanti:-

1. Ikkommetta serq ta' aluminium u/jew oggetti ohra ghad-detriment ta' Rueben Caruana u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur;

2. U aktar talli laqa' ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. U b'hekk renda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz illi ssib il-htija, tordna lill-hati sabiex jiresstitwixxi lill-parti offiza kull haga minnu misruqa jew li hu jkun xjentement laqa' ghandu b'ricettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qligh iehor contra l-ligi bi hsara ta' dik il-parti bi/jew permezz tar-reat, jew li jhallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jigi stabbilit mill-Qorti bhala kumpens ghal dak it-telf, kif imsemmi jew ghal xi danni, jew offiza jew hsara ohra, nkluz hsara morali u/jew psikologika, kagunati lil dik il-parti bi jew permezz tar-reat, hekk kif mahsub fl-Artikolu 15A tal-istess Kapitolu 9.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali[1] ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali biex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tal-abbli difensur tal-imputat fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2021;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jigi mixli bis-serq aggravat bil-valur ta' tliet bibien tal-aluminium ghad-detriment tal-kumpannija SIGNIT gewwa Rahal Gdid, liema serq twettaq fl-10 ta' Mejju 2018 ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija. Gie mixli wkoll bir-reat ta'

[1] Fol. 17.

ricettazzjoni izda l-Qorti sejra tikkunsidra din l-imputazzjoni biss f'kaz li l-addebitu tas-serq ma jigix ippruvat, galadarba hu ovvju li t-tieni imputazzjoni tar-ricettazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel wahda. Qed jigi mixli wkoll li huwa recidiv.

Reuben Caruana, id-direttur tal-kumpannija SIGNIT Holdings Limited, xehed[2] illi fl-10 ta' Mejju 2018 ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija, filwaqt li kien qed isir xi xoghol ta' manutenzjoni u tibdil ta' aperturi u bibien fil-fabbrika tal-kumpannija gewwa Kordin, insterqu tliet sezzjonijiet ta' aluminium li kienu ser jifformaw parti minn struttura ikbar ta' aperturi u bibien u dawn kienu preparati biex jiddahhlu gol-fabbrika biex jintramaw. Huwa fisser li dawn is-sezzjonijiet tal-aluminium ghalkemm kienu barra, kienu gewwa t-territorju tal-kumpannija ossia fil-parkegg tal-fabbrika - specifikatament f'dahla li tigi qabel il-garaxx. F'din il-parti tal-parkegg, ghalkemm hemm ukoll skip[3], kien qed jinzamm hafna materjal iehor konness max-xogholijiet li kienu ghaddejjin gol-fabbrika, liema materjal kien lest biex jidhol gewwa biex jitwahhal. Xehed ukoll illi dak il-hin tas-serqa, kien ghad hemm in-nies qed jahdmu fil-fabbrika ghaliex normalment il-haddiema jibqghu sas-6 p.m. Dwar l-access ghall-parkegg tal-fabbrika, huwa spjega li dan jinghalaq b'katina izda dakinhar din kienet miftuha ghaliex in-nies kienu ghadhom qed jahdmu u kien id-dawl.

Reuben Caruana qal ukoll li l-bicciet tal-aluminium li nsterqu kienu godda, b'valur ta' cirka sitt mitt Euro[4]. Hu spjega illi sabiex ix-xoghol fil-fabbrika seta' jitkompla, dawn il-bicciet tal-aperturi li nsterqu, kellhom jergghu jinxtraw u fir-rigward, ix-xhud ipproduca fattura ossia ricevuta[5] tal-hlas tax-xiri mill-gdid tal-materjal li gie misruq, fost xiri ta' materjal u xoghol iehor li m'ghandux x'jaqsam ma' din is-serqa. Il-bicciet tal-aluminium inkluz il-bieb li nsterqu, jidhru b'mod car fir-ritratti mehudin mill-filmat li ngabar mis-sistema tal-cameras tas-sigurta` li kien hemm istallat fil-parkegg

[2] 1 ta' Novembru 2018.
[3] Kontro-ezami Reuben Caruana, 14 ta' Jannar 2021; ara ritratt Dok. SP4.
[4] Ghalkemm ix-xhud inizzjalment xehed illi l-valur tal-hwejjeg misruqa kien ta' madwar elf Euro, fit-tkomplja tad-depozizzjoni tieghu u fil-kontro-ezami, ikkonferma li l-valur hu effettivament ta' cirka sitt mitt Euro, li huwa parti mill-ammont total indikat fuq ir-ricevuta Dok. X.
[5] Dok. X, fol. 66.

tal-fabbrika[6]. Ix-xhud qal li hekk kif il-haddiema tieghu irrapportawlu li kien hemm ix-xoghol nieqes, huwa ra l-filmati li fihom tidher vettura ta' lewn ahdar tieqaf u wahda mill-persuni li kien hemm fil-vettura, tintgharaf. Ikkonferma li huwa ghadda kopja ta' dan il-filmat fuq *pen drive* direttament lill-Pulizija u ghalkemm id-data indikata fuq il-filmat hija hazina[7], gie konfermat li s-serqa twettqet fl-10 ta' Mejju 2018 ghall-habta tal-5.00 p.m.

WPS269 Miriam Lia xehdet illi Reuben Caruana ghadda *USB drive* kontenenti l-filmat lill-Pulizija li min-naha taghhom, ghaddewh lit-Taqsima tal-Forensika biex jinhargu l-fotogrammi relevanti. Ix-xhud ikkonfermat li r-ritratti Dok. SP1 sa Dok. SP13 huma r-ritratti li nhargu mit-Taqsima tal-Forensika mill-*USB drive* li nghatalhom[8].

L-imputat ma xehedx quddiem il-Qorti izda kien irrilaxxa stqarrija waqt l-interrogazzjoni tieghu fil-5 ta' Gunju 2018[9], fejn stqarr illi fl-10 ta' Mejju 2018 ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija kien ghaddej u ra l-bibien u dehrlu li dawn "*kienu ghar-rimi peress li kien hdejn skip, u kellhom anke xi tghaffig*". Huwa gharaf il-vettura ta' lewn ahdar li tidher fir-ritratti li ntwerewlu dak il-hin[10], bhala l-vettura li kien juza huwa stess u gharaf ukoll lilu nnifsu fl-istess ritratti, liebes *t-shirt striped* u qalziet ahmar bil-bieb f'idejh. Effettivament l-imputat ammetta li huwa kien ha l-bibien u bieghhom ghall-aluminium u qal hekk : "*Jien ghalija il-bibien hsibthom ghar-rimi, fil-fatt lanqas ipprovajt nghatti wicci, u anki indunajt bil-cameras. U min-naha tieghu lanqas biss indunajt li qieghed gewwa l-proprjeta` ta' haddiehor.*"

[6] Senjatament ritratti mmarkati Dok. SP3 u Dok. SP13

[7] Il-Qorti rat il-filmat Dok. SP16 u tosserva illi effettivament, kif sewwa xehed l-Ispettur Shaun Pawney, id-data indikata fil-filmat hija 9 ta' Mejju 2018. Peress li Reuben Caruana kkonferma li tezisti din id-diksrepanza u f'kull kaz, huwa rrapporta li s-serqa twettqet fl-10 ta' Mejju 2018, il-gurnata ta' qabel li ghamel ir-rapport, il-Qorti tqis li huwa pprovat sodisfacjentement illi s-serqa twettqet fl-10 ta' Mejju 2018 skont kif del resto indikat fic-Citazzjoni.

[8] Il-filmat f'format ta' DVD gie esebit fl-atti mill-Ispettur Shaun Pawney (Dok. SP16).

[9] Fol. 13 *et seq*.

[10] L-Ispettur Shaun Pawney fix-xhieda tieghu qal li waqt l-interrogazzjoni tieghu, l-imputat, dakinhar suspettat, kien gie muri l-fotogrammi li nhargu mill-filmat ta' CCTV li gie mghoddi lill-Pulizija minn Reuben Caruana, li minnhom kien gie identifikat l-imputat. Dawn ir-ritratti gew esebiti mill-istess Spettur Shaun Pawney bhala Dok. SP1 sa SP13.

Ikkunsidrat;

Dan huwa każ ta' serq. Id-definizzjoni ta' serq li ġiet adottata mill-ġurisprudenza Maltija hija dik mogħtija mill-Carrara – "*La contrettazione dolosa della cosa altrui fatta invito domino con animo di farne lucro*" - jiġifieri l-kontrettazzjoni doluża ta' oġġett li jappartjeni lil ħaddieħor akkwiżit b'mod frawdolenti bil-ħsieb li jagħmel il-qliegħ mir-res furtiva.

Skond il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu, din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita' ta' ħames elementi li lkoll iridu jiġu sodisfatti sabiex persuna mixlija b'serq tkun tista' tiġi misjuba ħatja, jiġifieri: "*1. The contrectatio of a thing. 2. belonging to others. 3. made fraudulently. 4. without the consent of the owner. 5. animo lucrandi.*"

Illi l-imputat jammetti fl-istqarrija li rrilaxxa lill-Pulizija, illi huwa l-persuna li ha l-bicciet tal-aluminium li kienu barra fil-parkegg tal-fabbrika, izda jinsisti li huwa ghamel dan ghaliex fehem li l-materjal kien ghar-rimi peress li kien vicin ta' skip. Isostni wkoll li dawn il-bibien kienu thallew barra u ma kien hemm xejn x'juri li dawn kienu proprjeta` ta' haddiehor.

Essenzjalment, kif gie sottomess mill-abbli difensur tal-imputat waqt it-trattazzjoni, l-imputat jikkontendi li huwa ma jistax jinstab ħati tar-reat ta' serq peress li l-oġġetti li ttiehdu minnu kienu jinsabu f'ċirkostanzi li kienu jaghtu x'jifhmu li kienu mitluqin u f'kull kaz, l-imputat ġenwinament emmen li l-oġġetti li qed jieħu pussess taghhom kienu gew mitluqin ghar-rimi u ma kienu jappartjenu lil ħadd. Minn dan il-Qorti fehmet illi qed jiġi allegat sija n-nuqqas tal-element materjali tal-*contrectatio* kif ukoll in-nuqqas tal-element formali tar-reat ta' serq.

Fir-rigward tal-elementi formali, il-Professur Anthony Mamo jgħid:

"*Any honest mistake will negative this ingredient [that the contrectatio must be fraudulent] as where the taker believes the thing to have been abandoned or that it is his own.*"

Iżda, naturalment, sabiex il-Qorti tista' tasal għall-konklużjoni li kien hemm zball jew hsieb li huwa wieħed ġenwin, trid tkun wkoll sodisfatta li dak l-iżball jew dak il-ħsieb kien wieħed **raġjonevoli** fl-isfond taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Tirrikonoxxi, kif del resto inhuwa risaput, illi sabiex jista' jkun hemm it-tehid ta' oġġett u kwindi sabiex jissussisti l-element tal-*contrectatio* fir-reat ta' serq, kif ukoll l-element formali tad-dolo, l-oġġett tat-teħid irid ikun *res aliena,* cioe` ħaga li tkun posseduta haddiehor u dan ghaliex persuna li tapproprija ruhha minn *res nullius* jew *res derelictae,* cioe` oggett li jkun instab f'ċirkostanzi li juru li dak l-oġġett kien abbandunat minn sidu, ma tistax titqies li tkun wettqet ir-reat tas-serq.

Fi kliem il-Professur Mamo:-

"*The thing, the subject matter of the theft must be a res aliena, that is a thing which belongs to some other possessor at the time of the taking. ... It is sufficient for the crime of theft that the person taking it away had no right thereto. ... The rule that the thing must be in possession of others implies that there cannot be a theft of a res nullius or of a res derelicta. ... An article that has an owner may come to be intentionally abandoned by him and of such derelict articles there can be no theft*".

Il-Qorti tal-Appell Kriminali, f'sentenza moghtija recentement dwar kaz konsimili, qalet hekk:-

« *Biex l-oġġett ikun jista' jitqies li huwa res derelictae dan l-oġġett irid jinstab f'ċirkostanzi tali li juru b'mod li sidu intenzjonalment ma riedx aktar li dan l-oġġett jibqa' fil-partimonju tiegħu u b'hekk ikun abbandunah b'mod inekwivokabbli u irrevokabbli. Jekk minħabba l-post fejn ikun jinstab oġġett jew minħabba l-qagħda u*

*l-kondizzjoni tiegħu, wieħed jista' jifhem li dan l-oġġett ma kienx abbandunat, iżda li jista' jkun hemm xi ħadd li jkun għadu, b'xi mod, jippossjedih jew li għandu l-kontroll fuqu, u persuna li ma jkollhiex jedd għal dak l-oġġett tapproprja ruħha minnu, din tkun passibbli għar-reat tas-serq. Biex din il-persuna tkun tista' teskolpa ruħha mir-responsabbilta għar-reat ta' serq ta' dan l-oġġett, hi trid turi li ċ-ċirkostanzi ġenwinament ġegħluha temmen li l-oġġett li kienet approprijat ruħha minnu kien abbandunat minn sidu jew li kien oġġett ma jappartjeni lil ħadd.* »[11]

Jekk allura fil-mument tal-att ta' approprjazzjoni, ic-cirkostanzi jkunu juru li l-oġġett huwa *res aliena*, allura l-persuna li tapproprija ruħha minn dan l-oġġett mhux tagħha, mingħajr dritt fuqu u mingħajr il-kunsens tal-persuna li tkun tippossjedih, tikkommetti s-serq tal-istess oggett.

Ikkunsidrat ;

Stabbilit illi l-bicciet tal-aluminium li l-imputat ammetta li gew approprjati minnu, ittiehdu minn barra l-fabbrika fl-10 ta' Mejju 2021, il-Qorti trid tistharreg u tiddetermina jekk verament dan il-materjal jistax raġjonevolment jitqies bħala *res nullius jew res derelictae* b'mod illi f'kaz affermattiv, ikun mankanti fil-każ odjern l-element tal-*contrectatio* kif ukoll l-element formali tar-reat ta' serq fl-imputat.

Il-Qorti rat ir-ritratti kif ukoll il-filmat esebiti fl-atti u wara li qieset ukoll ix-xhieda ta' Reuben Caruana, hija konvinta li fil-kumpless tac-cirkostanzi tal-kaz, l-imputat ma setax raġjonevolment jasal għall-konklużjoni li dawn il-bicciet tal-aluminium, kienu mitluqin. Tassew jirrizulta mir-ritratti esebiti, li dan il-materjal kien jinsab f'dahla li fil-bidu taghha kien hemm skip, izda kuntrarjament ghal dak li xehed l-imputat, kellu jkun evidenti ghalih li l-oggetti li huwa approprja, la kienu skart u lanqas kienu mitluqin fit-triq.

[11] **Il-Pulizija v. Gianluca Carabott**, deciza 26 ta' Gunju 2020.

Il-Qorti tibda biex tosserva li mill-filmat u r-ritratti li jinsabu fl-atti, jidher car illi l-oggetti in kwistjoni kienu mahzuna f'dahla li tidhol minnha **mill-parkegg tal-fabbrika u mhux direttament mit-triq pubblika**[12]: kemm hu hekk l-imputat jidher jieqaf fit-triq pubblika u jittawwal mill-hajt tat-triq ghal isfel fejn kien jinsabu l-bibien tal-aluminium, fost pallets u materjal iehor[13]. Reuben Caruana xehed ukoll illi din id-dahla tifforma parti mill-parkegg tal-fabbrika u li l-parkegg ikun maghluq b'katina wara l-hin tax-xoghol. Ghalkemm dak il-hin huwa stabbilit li l-access mit-triq ghall-parkegg in kwistjoni kien miftuh ghaliex kien ghad hemm in-nies jahdmu fil-fabbrika, huwa evidenti ghal min ikun gej mit-triq, li **l-parkegg, li huwa recintat b'hajt, huwa proprjeta` privata**[14] u li dan huwa parti mit-territorju u ghall-uzu tal-fabbrika attigwa.

Mill-provi[15] huwa stabbilit illi dawn il-bicciet tal-aluminium kienu lesti biex jitwahhlu bhala parti minn struttura ta' aperturi fil-fabbrika li fiha dak il-hin kienu ghaddejjin xogholijiet ta' rinovazzjoni u tibdil tal-aperturi. Ghall-Qorti hu wkoll evidenti, anke minn harsa hafifa lejn ir-ritratti, li whud minn dawn l-istrutturi li kien hemm mahzunin fid-dahla, huma godda u fil-fehma taghha, **ma hemm assolutament xejn x'jindika li dawn kienu ghar-rimi, anke ghaliex kif jidher fir-ritratti, kien hemm diversi oggetti li huma mghottijin**. L-argoment tal-imputat li l-oggetti kienu hdejn skip m'huwiex konvincenti ghaliex l-oggetti misruqin imkien ma jidhru vicin l-iskip li jidher fir-ritratt Dok. SP4, oltre l-fatt li l-iskip huwa mimli bil-kaxxi godda tal-kartun u karti, u mhux bl-aluminium mormi.

Maghdud dan kollu, stabbilit li gie mistqarr mill-imputat li kien hu li approprja l-oggetti in dizamina, il-Qorti hi tal-fehma li l-istess imputat ma sehhlux juri – lanqas sal-grad tal-probabbli - li ċ-ċirkostanzi ġenwinament ġegħluh jemmen li l-oġġetti li approprja ruħu minnhom kienu mormijin jew abbandunati minn sidhom u li ma

---

[12] Id-dahla fejn jinsabu l-bicciet tal-aluminium ma tifformax parti mit-triq pubblika u mhijiex accessibbli direttament mit-triq – it-triq pubblika tigi wara l-hajt li jidher fir-ritratti Dok. SP5 u SP12.
[13] Ritratti Dok. SP2, SP3 u SP9.
[14] Ara Dok. SP6.
[15] Xhieda ta' Reuben Caruana.

jappartjenu lil ħadd. Huwa minnu illi l-oġġetti ma ttiehdux bil-moħbi jew bil-lejl u l-imputat ma jidhrix li pprova jaħbi wiccu jew l-oggetti li approprja minn fuq il-post: tant hu hekk li l-vettura misjuqa minnu tidher hierga mill-parkegg bil-bibien tal-aluminium jisporgu b'mod evidenti mill-bagoll ta' wara. Madanakollu, fil-gabra tac-cirkostanzi kollha fuq ikkunsidrati, dan m'huwiex bizzejjed ghall-prova li l-intenzjonijiet tieghu kienu genwini. Ghall-kuntrarju, mill-provi huwa stabbilit li dawn **is-sezzjonijiet ta' alumininium kienu godda, kienu mizmumin f'parti mill-parkegg tal-fabbrika f'post li m'huwiex accessibbli direttament mit-triq pubblika u kienu wkoll mahzunin lesti biex jintramaw**[16].

Ghall-Qorti ma hemm xejn x'juri li l-oġġetti li ttiehdu mill-imputat setghu raġjonevolment jitqiesu bħala *res derelictae* jew li ma jappartjenu lil ħadd b'mod li setghu jittieħdu liberament minnu u konformement, m'huwa nieqes la l-element tal-*contrectatio* u lanqas l-element formali tad-dolo mehtiega ghall-prova tar-reat ta' serq. B'zieda ma' dan, gie ppruvat ukoll li l-oggetti jappartjenu lis-socjeta` SIGNIT Group Limited u li dawn ittiehdu minghajr il-kunsens u kontra l-volonta` taghha. Kwantu mbaghad ghall-element tal-*animus lucrandi*, ftit hemm x'jinghad galadarba l-imputat ammetta wkoll li huwa biegh l-oggetti approprjati minnu.

Ikkunsidrat;

Kwantu mbaghad ghall-kwalifika tal-valur, il-Qorti hi sodisfatta li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li l-valur tal-oggett jeccedi s-somma ta' €232.94. Dan jirrizulta mix-xhieda ta' Reuben Caruana li ddikjara, anke in kontro-ezami, li l-valur tal-materjal li kellu jinxtara biex jirrimpjazza s-sezzjonijiet tal-aluminium li gew misruqa, jammonta ghal cirka sitt mitt Euro (€600). Huwa xehed li dan il-materjal jifforma biss parti mill-oggetti li jinsabu indikati fil-fattura Dok. X bil-prezz komplessiv ta' €2,135.80 izda kkonferma li l-valur m'huwiex iktar minn sitt mitt Euro.

[16] F'kull kaz u ghall-kompletezza, kuntrarjament ghal dak mistqarr mill-imputat, il-Qorti m'hijiex konvinta li l-imputat kien induna bil-cameras tas-sigurta`: dan qalu biss wara li gie muri r-ritratti li evidentement ittiehdu mill-filmat elevat mis-sistema tal-cameras tas-sigurta`.

Ghaldaqstant, billi l-Qorti hija moralment konvinta li l-oggetti misruqa kienu evidentement *res aliena* u l-elementi kollha tas-serq jinsabu ppruvati, l-imputat ghandu jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi kif diga` nghad, it-tieni imputazzjoni li permezz taghha l-imputat gie mixli bir-reat ta' ricettazzjoni, inghatat bhala alternativa ghall-imputazzjoni dwar serq, ghaliex hu ovvju li min jisraq ikun ircieva hwejjeg misruqa minghandu nnifsu. Ghaldaqstant, il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

L-imputat huwa mixli wkoll li huwa recidiv.

In sostenn ta' din l-imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopji legali ta' zewg sentenzi moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta: wahda fil-25 ta' Novembru 2013 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Spiridione Zammit) vs Charlot Calleja** (Dok. SP14), u ohra fit-22 ta' Jannar 2015 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Fabian Fleri) vs Charlot Calleja** (Dok. SP15). Il-konnotati tal-persuni kkundannati b'dawn is-sentenzi jikkombaccjaw mal-konnotati tal-imputat odjern u ghalhekk il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-imputat huwa l-istess persuna tal-hati li gie ikkundannat fl-imsemmija sentenzi.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason James Agius** moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta'*

*l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ...."*

Mizmum ferm dan l-insenjament, il-Qorti hija tal-fehma li s-sentenzi fuq imsemmija, esebiti fl-atti, jikkostitwixxu prova bizzejjed tal-addebitu tar-recidiva sija taht l-Artikolu 49 u sija wkoll taht l-Artikolu 289 tal-Kap. 9[17].

Kwantu ghall-addebitu tar-recidiva ghall-fini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9, dan jipprovdi hekk:-

*Meta persuna kkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun giet mahfura l-piena, jekk iz-zmien ta' dik il-piena kien izjed minn hames snin, jew fi zmien hames snin, fil-kazijiet l-ohra kollha, tista' tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita ghal dak id-delitt.*

Il-Qorti tqis li ghandha tezamina l-fedina penali tal-imputat sabiex tistabbilixxi jekk l-imputat ghandux jitqies li huwa recidiv ukoll taht l-Artikolu 50. Minn ezami ta' dan id-dokument, li jinsab inserit a fol. 3 *et sequitur* tal-atti, jirrizulta li l-imputat gie mqieghed diversi drabi taht Ordni ta' Probation a tenur tal-Artikolu 7 tal-Kap. 44. Ghalkemm l-Artikolu 50 tal-Kap 9 ma jiddistingwix bejn pieni karcerarji u pieni pekunjarji u ghalhekk *ubi lex non distinguit, nec nos distinguere debemus*, madanakollu inghad fir-rigward:-

"*Issa, kif din il-Qorti dejjem irriteniet, persuna ma tistax titqies recidiva fir-rigward tal-mezzi ta' trattament kontemplati fil-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Ara, per*

[17] Ara iz-zewg sentenzi esebiti fl-atti Dok. Sp14 u Dok. SP15 li entrambi kkundannaw lill-imputat ghar-reat ta' serq.

*ezempju, f'dar-rigward l-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Stephen Zahra deciz fit-30 ta' April 2008 u l-Appell Kriminali Il-Pulizija v. George Desira deciz fid-9 ta' Jannar 2013.*"[18]

Il-fedina penali tal-imputat izda turi li l-imputat kien gie kkundannat ukoll ghall-pieni karcerarji, ghalkemm ma kellux kundanni ta' prigunerija ta' izjed minn hames snin: l-itwal piena kienet ta' sena prigunerija b'sentenza tal-15 ta' Marzu 2017[19]. Dan ifisser li l-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali jista' jkun applikabbli biss fir-rigward ta' pieni skontati jew mahfura sa hames snin qabel l-10 ta' Mejju 2018, id-data tal-kommissjoni tar-reat odjern. Issa, mill-istess fedina penali huwa evidenti illi l-piena inflitta fuq l-imputat bis-sentenza tal-15 ta' Marzu 2017 giet skontata ferm qabel l-gheluq ta' hames snin qabel id-data tad-delitt odjern fl-10 ta' Mejju 2018 u konsegwentement l-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali ukoll huwa applikabbli f'dan il-kaz bil-konsegwenza illi huwa applikabbli f'dan il-kaz l-Artikolu 28A(7)(b) tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat ;

Ghall-fini tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom il-fedina penali refrattarja tal-imputat li minkejja li nghata opportunitajiet varji biex jirriforma ruhu anke billi nghata diversi drabi trattament taht il-provvedimenti tal-Kap. 446, huwa evidentement naqas milli jaghraf kif ghandu jimxi fit-triq it-tajba u jzomm 'il boghod mid-delinkwenza. Kemm hu hekk, jirrizulta illi huwa nstab hati wkoll li kiser l-Ordni ta' Probation li gie mqieghed tahtu bis-sahha tas-sentenza tat-22 ta' Jannar 2015 u gie kkundannat sentejn prigunerija, liema piena jirrizulta li kien ghadu kif skontataha biss ftit xhur qabel ikkommetta d-delitt odjern. Ghaldaqstant il-Qorti m'hijiex sejra tahli l-hin u r-rizorsi tal-istituzzjonijiet f'tentattiv li tirrijiabilita lill-imputat li kjarament irrifjuta li juzufruwixxi mill-opportunitajiet ghal riforma u mill-

[18] **Il-Pulizija vs Lydon Cutajar** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6.2.2013

[19] Il-piena ta' sentejn prigunerija bis-sentenza tat-13 ta' Gunju 2018 giet inflitta sussegwentement ghall-kommissjoni tar-reat mertu ta' dawn il-proceduri odjerni – ara fol. 8 *tergo*.

ghajnuna li nghatalu tul is-snin. Filwaqt li f'kull kaz ma tqisx illi l-imputat ghandu jibbenefika mill-applikazzjoni tal-Artikolu 28A fic-cirkostanzi, il-Qorti tosserva wkoll illi galadarba l-imputat qed jinsab hati tal-addebitu tar-recidiva taht l-Artikolu 50, hija prekluza milli tapplika fil-konfront tieghu id-dispozizzjonijiet tal-imsemmi Artikolu 28A tal-Kap. 9 u dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A(7)(b).

**Ghal dawn il-motivi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni stante li din evidentement inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni, wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261(c), 267, 279(a) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil CHARLOT CALLEJA hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija effettiva.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kap. 9 u b'zieda mal-piena, tordna lil CHARLOT CALLEJA jhallas lil Reuben Caruana ghan-nom ta' SIGNIT Holdings Limited is-somma ta' sitt mitt Euro (€600) bhala kumpens ghad-danni kkagunati permezz ta' dan ir-reat fi zmien sena mill-lum. Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**DR RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**